**14 ta' Frar, 1995**

## Imhallfin:-

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D. A.R.Hist.S.**

Loris Bianchi *proprio et noe*

*versus*

Elenita Zammit

## Eżekutur Testamentarju - Setgħa jew le li Jiftaħ Kawża għal Żgumbrament

*Eżekutur testamentarju bħala mandatarju* sui generis *għandu jżomm ruħu fil-limiti ta' l-inkariku tiegħu u m'għandu ebda fakulta' oħra ħlief dawk neċessarji għall-adempiment tad-disposizzjonijiet testamentarji.*

*Iżda mit-testment li ta lok għal din il-proċedura jirriżulta evidenti ħafna li l-inkarigu mogħti lill-appellat* pro et noe *jmur aktar 'l bogħod, u huwa aktar ampju estiż minn dak li solitament jingħata lill-esekutur testamentarju, tant li nħatar l-amministratur waħdieni tal-beni kollha tal-wirt, inklużi l-immobbli, sakemm issir il-qasma. Għalhekk ma jistax jingħad li l-azzjoni bħal dik esperita mill-appellat għall-fini ta' żgumbrament ma tinkwadrax ruħha fl-ambitu ta' din l-amministrazzjoni.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell magħmul mill-intimata Elenita Zammit minn deċiżjoni mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-7 ta' Jannar, 1993 li ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimata fuq rikors intavolat mill-apellat *proprio et nomine*;

Ir-rikorrenti *proprio et nomine* ppremetta li l-intimata Zammit tikri mingħandu l-fond numru 11, Triq it-Torri, tas-Sliema (jismu "Parade") bil-kera ta' Lm100 (mitt lira maltija) *per annum* pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem fl-1 ta' Marzu, Settembru u Diċembru u l-iskadenza li jmiss kienet ta' l-1 ta' Marzu, 1991. Ippremetta wkoll li fost il-kondizzjonijiet tal-kirja hemm li l-intimata bħala inkwilina ma tistax tissolloka, iċċedi, jew tassenja l-lokazzjoni lil terzi, ħaġa li hija fil-fatt għamlet, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk talab li tiġi ddikjarata t-terminazzjoni tal-kirja msemmija bejn il-partijiet u jiġi ordnat l-iżgumbrament mill-fond *de quo* ta' l-intimata u dana fi żmien li jiġi ffissat u li tiġi ordnata r-ripreża tal-fond lura mill-intimata lir-rikorrenti *proprio et nomine* u li jingħataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni;

L-intimata wieġbet li l-eżekutur testamentarju m'għandux il-poter li jistitwixxi dawn il-proċeduri u għalhekk it-talba tar-rikorrenti in kwantu hija diretta mir-rikorrenti fil-kapaċita' ta' esekutur ma tistax treġi;

*Omissis*;

L-intimata Zammit ħasset ruħha aggravata bl-imsemmija sentenza u hija interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti billi ssottomettiet li l-Bord għamel apprezzament ħażin tal-liġi in konnessjoni ma' l-ewwel eċċezzjoni mogħtija;

L-aggravju, skond l-intimata, kien jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti irriteniet illi peress illi r-rikorrenti fil-kwalita' ta' esekutur testamentarju ingħata l-fakulta' li jamministra l-beni ereditarji u l-azzjoni odjerna hija essenzjalment parti mill-amministrazzjoni tal-beni, liema amministrazzjoni ġiet fdata lilu esklussivament ad esklużjoni ta' l-eredi l-oħra kollha, allura r-rikorrenti, bħla esekutur testamentarju, ġie mogħti wkoll il-fakolta' li jagħmel din l-azzjoni;

Skond l-appellanti r-raġonament tal-Bord kien żbaljat. Amministrazzjoni tal-beni ereditarji ma jinkludux ukoll il-proċedimenti ta' l-azzjoni mertu tal-kawża. Huwa minnu illi l-amministrazzjoni ġiet fdata f'idejn l-esekutur tetamentarju biss ad esklużjoni ta' l-eredi l-oħra, pero' tali amministrazzjoni hija limitata biex wieħed jamministra u azzjoni ta' żgumbrament tesorbita minn atti ta' amministrazzjoni. It-testatur tant ried li l-esekutur testamentarju jkun biss ingħata l-fakolta' li jamministra, u jamministra biss, illi meta wasal għall-punt ta' bejgħ tal-proprjeta' din ma ġietx fdata f'idejh, ħlief sabiex ikun jista' jissodisfa l-fisco. Kwindi dak li kellu f'rasu t-testatur huwa li jserraħ moħħ l-eredi li hemm xi ħadd, persuna waħda, li tamministra l-proprjeta' varja li kellu, iħallas it-taxxa tas-suċċessjoni u peress li kien hemm aktar taxxa minn flus likwidi l-esekutur testamentarju ngħata l-fakolta' wkoll li jiddisponi mill-proprjeta'. It-testatur waqaf hemm għax ħass, ovvjament, illi kwalsiasi altru poter ieħor li seta' jingħata l-esekutur testamentarju kien ifisser li l-eredi kienu sejrin jiġu mneżża' mid-drittijiet tagħhom;

L-appellanti issottomettiet ukoll illi d-dritt għar-ripreża tal-fond huwa dritt li jista' jiġi eżerċitat mill-eredi biss. Hekk infatti irritjeniet din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet

__Amante Scicluna *nomine* vs Teresa armla Abela li ġiet deċiża fit-28 ta' April, 1965 - Vol. XLIX.II.889__ - fejn it-talba għar-ripresa tal-fond wara li skada l-perijodu enfitewtiku ma kienx jispetta lill-esekutur testamentarju iżda lill-eredi. Jekk azzjoni għar-ripresa tal-fond wara l-iskadenza ta' konċessjoni enfitewtika kienet tispetta lill-eredi u mhux lill-esekutur testamentarju għala għandu jiġi ritenut li esekutur testamentarju għandu d-dritt ta' azzjoni għal ripresa ta' fond fuq il-bażi li l-inkwilina kisret il-kundizzjonijiet tal-konċessjoni lokatizzji tagħha?

Fl-aħħarnett hija ssottomettiet ukoll li l-azzjoni ttentata mill-esekutur testamentarju toltrepassa l-poteri kkonferiti lilu in kwantu huma l-eredi li għandhom l-eserċizzju jew l-amministrazzjoni libera tad-drittijiet relattivi u rigwardanti l-pussess, dak li jrid proprju l-artikolu 781(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Għal dawn il-motivi, l-appellanti talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati *proprio et nomine*;

Min-naħa tiegħu l-appellat wieġeb hekk:

*Omissis*;

Illi kif tajjeb ġie ritenut millI-ewwel Onorabbli Qorti, mit-testment ta' Maria Stilon de Piro ddatat 20 ta' Jannar, 1983 l-imsemmi Loris Bianchi mhux biss ġie nnominat bħala esekutur testamentarju iżda wkoll amministratur tal-beni tat-testatriċi sakemm dawn jiġu diviżi;

Illi għandu jidher ċar għalhekk illi n-nomina ta' l-esponent kellha kwalifika importati u l-poteri tiegħu bħala amministratur imorru oltre dawk il-poteri li normalment igawdu l-esekuturi testamentari skond il-liġi. It-testatriċi kellha l-intenzjoni ċara li l-esponent ikollu l-pjena fakolta' li jamministra l-proprjeta' ta' l-eredita' sakemm din tiġi likwidata u diviża u fin-nuqqas ta' restrizzjonijiet fl-imsemmi testment żgur ma jistax jingħad illi l-eżerċizzju ta' azzjoni għal żgumbrament ma tinkwadrax f'tali amministrazzjoni;

*Omissis*;

Din il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell u sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Il-fatti tal-kawża huma suffiċjentement eluċidati fil-korp ta' l-ewwel deċiżjoni u għalhekk m'hemmx lok għalfejn wieħed jirrepetihom. Jingħad pero' li l-qofol tal-vertenza jirrivolvi fuq it-testment li ta lok għal din il-proċedura u preċiżament x'piż u x'portata legali għandu l-artikolu tlieta (3) tat-testment magħmul fl-20 ta' Jannar, 1983 in atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin (ara Dok. LB1 - fol. 17 - 18 tal-proċess) li testwalment jgħid fl-ilsien Ingliż hekk:

*<u>THIRD ARTICLE</u>*

*The Testatrix appoints as the Executor of her Estate her son Loris Bianchi and confers upon him all the powers which are usually conferred upon Executors, <u>including the function of administering the property of the Estate until partition</u>. The testatrix exempts the said Executor from the obligation to give security, otherwise*

*applicable according to Law.*

*The Testatrix orders that the other heirs or any of them shall not interfere in any way with the administration of the assets of her Estate which will be under the sole and exclusive control and discretion of the said Executor. The testatrix orders that the partition of the immovable property forming part of her Estate, in whole or in part, shall not take place before the lapse of five years from the date of her death.*

*The Testatrix empowers the Executor to withdraw any capitals pertaining to her Estate and to sell any assets movable or immovable pertaining to her Estate for the purpose of paying the Death Duties leviable on her estate, without the necessity of obtaining the consent of her heirs and for such purpose the Executor is empowered to warrant the peaceful possession of the property transferred and to hypothecate the property of the Estate in security of such warranty*" (sottolinejar tal-Qorti);

Il-Qorti ssottolineat partijiet minn dana l-artikolu testamentarju għaliex minnhom jirriżulta evidenti ħafna li l-inkarigu mogħti lill-appellat *proprio et nomine* jmur aktar 'il bogħod u huwa aktar ampju u estiż minn dak li solitament jingħata lill-eżekutur testamentarju";

Huwa minnu, kif ġie sottomess mill-appellanti Zammit, li fid-deċiżjoni tagħha fil-kawża surreferita **Amante Scicluna *vs* Teresa armla Abela**, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 1965 fuq l-iskorta ta' deċiżjonijiet oħra preċedenti, ġie rriaffermat u ribadit il-prinċipju li l-esekutur testamentarju bħala mandatarju *sui generis* għandu jżomm ruħu fil-limiti ta' l-inkariku tiegħu u m'għandu ebda fakulta` oħra ħlief dawk neċessarji għall-

adempiment tad-disposizzjonijiet testamentarji u li konsegwentement fuq l-iskorta tas-sentenza emandata mill-Qorti ta' l-Appell in re **Falzon** ***vs*** **Sciberras** - 27 ta' Ottubru , 1890 l-esekutur ma jistax jibda kawża *non necessaria per l-esecuzione del testamento* (ara wkoll **P. Sammut** ***vs*** **E. Zahra** Qorti ta' l-Appell 21 ta' Marzu, 1959). Huwa wkoll minnu li fis-sentenza **Scicluna** ***vs*** **Abela** (ibid) il-Qorti kienet tal-fehma li r-ripresa ta' pussess tal-fond enfitewtiku ma tikkompetix *lill-esekutur testamentarju, iżda* lill-eredi; u li għalhekk, kwalunkwe azzjoni li tidderiva minn dana l-fatt, għandha tiġi eżaminata fuq l-istregwa ta' dina l-konsiderazzjoni u li azzjoni simili tmiss lill-eredi. Dan magħdud pero` wieħed irid joqgħod ferm attent kif japplika din id-deċiżjoni għall-appell in eżami. Ir-raġuni għal din il-kawtela tidderiva mill-fatt li fil-kawża **Scicluna** ***vs*** **Abela** t-testatriċi kienet iddisponiet sempliċement fil-mod segwenti, jiġifieri:

"*La testatrice, infine, nomina suo esecutore testamentario il detto suo figlio Riccardo Vassallo al quale accorda e concede tutte le facolta' dalla legge solite concedersi a simili esecutori*";

L-inkarigu mogħti lill-esekutur fil-kawża **Scicluna** ***vs*** **Abela** huwa biss ta' esekutorija li l-liġi tagħti lill-esekutur testamentarju li *non si comprede quelle della rappresentanza dell'eredita'* (App. Civ. 22 ta' April, 1932 fil-kawża **D. Azzopardi** ***vs*** **Dr. A. Fabri** ***nomine*** Koll. Vol. XXVIII.I.736);

Bil-maqlub, l-inkarigu mogħti mit-testatriċi lil Loris Bianchi, ukoll ko-eredi, kellu jikkomprendi u espressament jinkludi *the function of administering the property of the Estate until partition* u bl-ordni espliċita` ta' l-istess testatriċi *that the other heirs or any of them shall not interfere in any way with the administration of*

*the assets of her Estate*, liema assi inoltre *will be under the sole and exclusive control and discretion of the said Executor*. Fil-fehma tal-Qorti kliem bħal *sole and exclusive control and discretion* ma jħallu l-ebda dubbju dwar il-poteri ampji li ġew mogħtijin lill-appellat min-naħa tat-testratiċi u ċjoe`, bil-maqlub ta' l-inkarigu li joħroġ mill-kawża **Sciberras *vs* Abela**, bil-fakolta` biex dan l-esekutur testamentarju u amministratur Loris Bianchi, okkorrendo u fid-diskrezzjoni esklussiva tiegħu, jinvadi anke d-drittijiet tal-werrieta l-oħra mingħajr indħil minnhom;

Illi fid-dawl u in forza tat-testment *de quo* ta' Maria Stilon de Piro Bianchi, l-appellat mhux biss allura ġie nnominat bħala esekutur testamentarju u daqshekk, iżda nħatar ukoll l-amministratur waħdieni (*sole*) tal-beni u assi kollha tal-wirt, inklużi l-immobbli, sakemm issir il-qasma. Mhux talli mela ma ġewx imposti restrizzjonijiet fuq din l-amministrazzjoin ta' l-assi ereditarji, eċċetto dik ta' żmien speċifiku, imma talli l-imsemmi appellat ingħataw lilu l-kontroll u d-diskrezzjoni sħiħa kif ġa` msemmi supra. Kwindi, ma jistax jingħad li azzjoni bħal dik esperita mill-appellat għall-fini ta' żgumbrament ma tinkwadrax ruħha fl-ambitu ta' din l-amministrazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni *in parte* tal-Bord li Jirregola l-Kera mogħtija fis-7 ta' Jannar, 1993 tiċħad l-appell ta' l-intimata Zammit bl-ispejjeż ta' dina l-istanza kontriha u b'dan ukoll li tibgħat l-atti tal-kawża mill-ġdid quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera għall-prosegwiment tagħha.